# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs**

**Ronald Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru 406/2018**

**Illum 16 ta' Settembru, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ronald Mallia, ta' 30 sena, bin John u Maria nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar is-07 ta' Ottubru 1987, residenti fil-fond 'Bellaggio Court', Flat 4, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 474287(M).

Akkuzat talli fit-30 ta' Gunju 2018 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) u ftit qabel, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra minn residenza privata sitwata 'Bellaggio Court', Flat 3, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, ghad-detriment ta' Ibrahim Palabiyik detentur

tal-karta tal-identita' numru 24817A, liema serq hu kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini ta'l-artikoli 261, 263, 266, 267, 278, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D datata 14 ta' Mejju 2018, b'dan waqt li kien mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €20,000 fost kundizzjonijiet ohra hekk kif orndat li jaghmel l-istes Qorti, ai termini ta'l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bih Ronald Mallia inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' €20,000 garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat f'l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini ta'l-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dinn il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 261(b)(c), 263, 264, 265, 2766, 267, 278(1)(2)(3), 279(b), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17, 20, 23, 31, 532A, 532B, U 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma dinl-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat ikkumpensa lill-parte civile billi hallsu s-somma ta’ erbghat elef Euro. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-proceduri li fihom l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest permezz tad-degriet imsemmi fit-tieni imputazzjoni huma definittivament konkluzi. Konsegwentement il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 267 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghalmperjodu ta’ erbgha snin.** In oltre fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest mghoti f’l-14 ta’ Mejju 2018, qed tilqa t-alba l-ohra tal-prosekuzzjoni u **tikkonfiska favur il-Gvern ta’ Malta il-garanzija, imsemmija fid-degriet ta’l-14 ta’ Mejju 2018, f’l-ammont ta’ ghoxrin elf Euro (€20,000) liema somma ghandha tithallas fi zmien tlett snin.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommeti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**